MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 331/2004

**Middle Sea Insurance Co. Limited, u din kif tinsab surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Ernest Gauci skond il-polza u skond il-ligi u s-socjeta` Laferla Insurance Agency bhala agenti tal-istess Middle Sea Insurance Co. Limited u dan ghal kull interess li ghandha u l-istess Ernest Gauci, u b'digriet tat-12 ta' Marzu, 2004, giet ordnata l-korrezzjoni billi minflok l-kliem Co. Limited jitnizzlu l-kliem Plc.**

**vs**

**Joseph Attard**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Frar, 2004 fejn intalab**
**li t-Tribunal jogghbu jiddikjara illi l-konvenut Joseph Attard kien unikament responsabbli ghall-incident**

**awtomobilistiku illi sehh fit-12 ta' Awissu 2003 gewwa Triq Notabile, Birkirkara bejn il-vettura tal-marka Honda Civic, bin-numru ta' registrazzjoni FAZ 292, koperta mis-socjeta' attrici taht il-polza ta' assikurazzjoni 'comprehensive' misjuqa minn Anne Bruno, u l-vettura tad-ditta Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni CBF 105 misjuqa minn Joseph Attard u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi u tillikwida dawn id-danni fis-somma globali ta' tmien mija u tnejn u tletin Liri Maltin u seba' u sebghin centezmi (Lm832.77) jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dan it-Tribunal okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominati u tikkundanna thallas lis-socjeta' attrici Middle Sea Insurance Co. Limited u Ernest Gauci is-somma ta' sitt mija u disa' u sebghin Liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmi (Lm679.27) u s-somma ta' mija u tlieta u hamsin Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm153.50) rispettivament jew somom verjuri illi jigu likwidati minn dan it-Tribunal in linea ta' danni.**
**Bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fl-24 ta' Frar, 2004 fejn intqal:**
**i. illi l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez, billi ma tezisti ebda Middlesea Insurance Co. Limited.**
**ii. Bla pregudizzju, fil-mertu t-talba ghandha tigi michuda ghax ghall-incident stradali de quo ma kienx jahti l-eccipjent, bl-ispejjez kontra l-atturi.**

**Semgha x-xhieda ta' PS950 Alan Buhagiar, Anthony Vassallo, Anne Bruno Bartolo. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Jigi rilevat fl-ewwel lok li l-ewwel eccezjoni giet irtirata wara li t-Tribunal ordna d-debita korrezzjoni, u dana fit-12 ta' Marzu, 2004.**

**2. Dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Awissu 2003 wara nofsinhar, gewwa Triq Notabile, Birkirkara bejn il-vettura tal-marka Honda Civic, bin-numru ta' registrazzjoni FAZ 292, koperta mis-socjeta' attrici taht il-polza ta' assikurazzjoni 'comprehensive' misjuqa minn Anne Bruno, u l-vettura tad-ditta Mitsubishi bin-numru ta' registrazzjoni CBF 105 misjuqa minn Joseph Attard.**
**3. Iz-zewg vetturi kienu fil-karregata li taghti lejn ir-Rabat. Fi triq Notabile f'dik il-parti fejn sehh l-incident hemm centre strip, interrotta f'parti minnha sabiex vetturi jkunu jistghu jduru fid-direzzjoni ta' Birkirkara.**
**4. Anne Bruno Bartolo l-assikurata tas-socjeta` attrici, kienet ghaddejja bil-mod fil-karregjata vicin tac-centre strip, meta f'daqqa wahda sabet ruhha fil-fetha. Hi qablet ma' kif inhuma murija l-vetturi fl-iskizz Dok.X. Lill-konvenut ratu biss mad-daqqa. L-istess Anne Bruno Bartolo tikkonferma li ma kellhiex intenzjoni li ddur ghall-gol fetha fis-centre strip.**
**5. Il-konvenut, ex admissis a tempo vergine fir-road accident report Dok.1 stqarr illi: "Jiena kont qed indur u f'daqqa wahda vettura FAZ292 giet minn naha ta' gewwa u dahlet fil-genb tal-vettura tieghi."**
**6. Mill-isketch Dok.B esebit jirrizulta li l-attrici kienet ghaddejja normali fil-karreggjata taghha, u kienet in-nuqqas ta' attenzjoni da parti tal-konvenut, li ttanta jaqbad u jikser ghal gol-fetha tas-centre strip li kien il-kawza tal-kollizzjoni. Ma jirrizultax li l-konvenut b'xi mod indika, f'xi hin, li hu kien ser idur. Lanqas ma jirrizulta li dan kien qed jaghti kaz ghat-traffiku li kien ghaddej fil-karreggjata l-ohra. Ghalhekk ghall-incident ghandu jigi ritenut responsabbli unikament il-konvenut.**
**7. Bhala Danni dawna jirrizultaw mid-dokumenti a fol-9 sa 14 tal-process fl-ammont mitlub.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident de quo jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta` attrici Middle Sea Insurance p.l.c. noe s-somma ta' sitt mija u disa u sebghin Liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmi (Lm679.27) u lil Ernest**

**Gauci s-somma ta' mija u tlieta u hamsin Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm153.50).**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------